# L-ILSIERA FI ŻMIEN L-ORDNI F'MALTA (5)



JOSEPH SERRACINO



Peress li fir-raba' taqsima semmejt kemm-il darba l-bonavolja, tajjeb li qabel ma nkompli b'din il-kitba dwar l-ilsiera ngħid xi ħaġa dwar dawn il-persuni li kont issibhom mhux biss fuq il-galeri tal-Ordni iżda wkoll fuq bosta xwieni oħra li kienu jużaw l-imqadef.

Post il-bonavolja fuq il-galeri kien ikun f'ras kull bank tal-ilsiera kkundannati għall-qdif.

Il-bonavolja kien jingħaraf għax normalment kien ikun fih raġel, qargħi u bil-mustaċċi kbar. Jingħad li xi wħud minn dawn il-bonavolja kienu jingaġġaw biex jaqdfu fuq il-galeri tal-Ordni għal ftit flus. Ħafna drabi dawn in-nies kienu jagħżlu l-qdif minn xi mistier ieħor għax ikunu midjunin mal-Ordni u wara jsibu li s-somma li jkunu ssellfu ma jkunux f'pożizzjoni li jistgħu jħallsuha lura. B'dan il-mod huma kienu jħallsu djunhom u wara jekk ikunu jridu, jieqfu mill-qdif.

Jingħad ukoll, li lil dawn il-persuni kienu jqaxxrulhom xagħarhom iżda jħallulhom il-mustaċċi, l-ewwel nett biex jingħarfu minn sħabhom l-oħra, u t-tieni, bil-kundizzjoni li jgħassu fuq sħabhom tal-bank. Xbieha sabiħa ta' bonavolja skolpita fl-irħam wieħed jista' jaraha fil-monument sabiħ tal-Gran Mastru Nicholas Cottoner li hemm fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Peress li l-bonavolja kien jitħallas xi ħaġa żgħira ta' flus, id-dejn tiegħu ma kien jiskontah qatt, u għalhekk kien jagħmel snin twal jaqdef fuq il-galeri. Żgħażagħ ta' inqas minn 20 sena ma kinux iħalluhom jingaġġaw bħala bonavolja għax maż-żmien instab li dawn kienu jimirdu ta' spiss u minħabba hekk, l-Ordni kienet ħarġet ordni li jintgħażlu żgħażagħ akbar. Il-kundizzjoni tal-bonavolja fuq il-galeri kienet tkun bħal dik tal-ilsiera, jintrabtu b'katina mal-bank li kienet tgħaddi minn ħolqa tal-ħadid li kien ikollhom ma' saqajhom ix-xellugija. U peress li kull galera tal-Ordni kellha 51 bank b'ħames ilsiera fuq kull moqdief, kien hemm 51 bonavolja, u jien nimmaġina li f'qasir żmien kienu jsiru ħbieb u jafu l-passat ta' xulxin. Għalkemm il-maġġoranza ta' persuni li kienu jiġu ingaġġati bħala bonavolja fuq il-galeri tal-Ordni kienu jkunu barranin, il-parti kbira minnhom Sqallin, ġieli kien hemm ukoll Maltin li kienu kkundannati għall-qdif b'sentenza mill-qorti.

Prinċipalment ix-xogħol tal-bonavolja fuq il-galera kien li jirregola r-ritmu tal-qadfa jekk hux mgħaġġla jew bil-mod kif mitluba mill-argużin. Xogħol il-bonavolja, barra l-qdif kien li jwassal l-ordnijiet tal-komitu u tal-argużin – żewġ persuni importanti ħafna fuq ix-xwieni tal-Ordni, u ma jħallihomx jitnikkru.

Meta l-Ordni kienet tiffaċċja l-problema ta' nuqqas ta' bonavolji fuq il-galeri tagħha, hija kienet titlob l-għajnuna tas-slaten Insara ta' Napli, Spanja u tal-viċi Re ta' Sqallija biex isibulha persuni li jkunu jridu jingaġġaw bħala bonavolji fuq il-galeri tagħha. Sintendi, l-Ordni kienet tippreferi lil dawk il-bonavolji li kienu jafu jużaw l-armi biex f'każ li l-galera kienet tiġi attakkata mill-għadu Tork u jkun hemm il-bżonn li taqa' f'idejh, il-bonavolji jkunu jistgħu jinħallu mill-katina u jingħataw l-armi biex jiddefendu x-xini.

Jingħad li f'każi simili, dawk il-bonavolji li jkunu qegħdin iħallsu djunhom bil-qdif jiġu mwiegħda li jinħafrilhom dejnhom, u għalhekk jingħataw il-libertà meta l-galera tidħol fil-port.

Mill-ftit tagħrif li tajtkom dwar il-bonavolji naħseb li mill-ewwel intbaħtu li dawn in-nies ma kinux ikunu ta' karattru tajjeb u allaħares ikollok x'taqsam magħhom. Fil-fatt, xi wħud minnhom kienu ta' qattagħni, jaslu għal kollox u jmiddu idejhom f'kull ħaġa li tkun se tqallagħhom il-flus. F'bandu tal-1650 insibu li kull bonavolja miżżewweġ meta jkun l-art irid jidħol id-dar ma' nżul ix-xemx, u ġuvni jew għażeb irid jorqod fuq il-galera tiegħu. U miskin hu min kien jikser dawn l-ordnijiet għax kienet tiżdiedlu sena qdif oħra ma' dawk li jkollu fuq il-galeri kif kien ġralhom il-bonavolji Giovanni Inguanez mir-Rabat u Pawlu Cauchi minn Birkirkara għax kienu nqabdu barra wara l-Ave Maria!

Insibu diversi każi fejn numru ta' bonavolji dabbru snin żejda fuq il-galera għax inqabbdu f'xi reati ta' serq. L-istoriku Joseph Muscat jgħidilna li ċertu Raimondo Baldacchino laqqat sena qdif għax xtara mingħand bonavolja żewġ frieket u żewġ kuċċarini tal-fidda misruqin. Ġużeppi Mangion, Antonio Vella u Xmun Borg, it-tlieta bonavolji tal-galera "San Nikola" ngħataw sena qdif fuq il-galeri minflok ħabs għax kienu kompliċi f'serq. Ġużeppi Zahra miż-Żurrieq, Mikiel Aquilina mlaqqam "Bużaqq il-Kbir", Alessju Camilleri minn Ħal Qormi, Salvu Falzon "iċ-Ċjatura", Franġisk Cutajar u Pawlu Liparott, ilkoll bonavolji u kollha ċċappsu bis-serq, weħlu snin ta' qdif bla ħlas fuq il-galeri. Mikiel Anġ Sideri, imlaqqam "il-Lingetta" mill-Birgu, bonavolja skartat għax ma kienx jiflaħ jaqdef iżjed, qafluh fl-Ospiżju tax-xjuħ tal-Furjana għax dendel kusu mal-ġustizzja. U mid-deħra li l-bonavolji baqgħu dejjem involuti max-xwieni tal-Ordni għax meta fl-1798 ġie Napuljun f'Malta kien ħeles madwar 600 bonavolja Sqalli.

## IL-FURZATI

Mal-bonavolji semmejt ukoll il-furzati. Dawn kienu dawk il-persuni kollha li kienu jiġu ssentenzjati mill-qorti tal-Ordni fuq diversi reati gravi bħal delitti, serq bi vjolenza jew b'kompliċità fihom. Aktarx li magħhom wieħed irid iżid ukoll lil dawk il-persuni politiċi li kienu jeħduha jew jippruvaw ifixklu t-tmexxija tal-Ordni.

Fil-fatt, kien il-Gran Mastru l'Isle Adam li kien ħareġ ordni biex il-ħabsin kollha minflok jibqgħu jinżammu f'ċella u ma jagħmlu xejn jintbagħtu jaqdfu fuq il-galeri sakemm jiskontaw is-sentenzi tagħhom. Issa hawnhekk wieħed ma jridx jinsa, li l-Ordni minn dejjem kellha bżonn numru kbir ta' lsiera għal fuq il-galeri tagħha u għalhekk wieħed ma jeħodhiex bi kbira li f'dawk iż-żminijiet setgħu saru xi inġustizzji kbar f'dawk li huma sentenzi, għax jidher ċar li l-furzati kienu qegħdin jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' lsiera Misilmin. Tinsewx li biex skwadra ta' tmien galeri tbaħħar f'daqqa, l-Ordni kellha bżonn mhux inqas minn 2,024 ilsir u 659 bonavolja.

Għalkemm f'diversi pajjiżi u stati Nsara bħal Franza, Spanja, l-Italja, Venezja u anke f'dawk Misilmin kienet użanza li l-furzati jaħdmu fuq il-galeri, ħafna minnhom ma kienu jaslu qatt li jinħelsu mill-qdif għax mal-iċken reat li kienu jagħmlu kienet tiżdidilhom is-sentenza, u minħabba din l-inġustizzja, ħafna minnhom kienu jmutu fuq il-moqdief. Hawnhekk tajjeb li nfakkar li l-parti l-kbira tal-furzati li kienu jaqdfu fuq il-galeri tal-Ordni kienu barranin, il-parti kbira minnhom kienu Franċiżi, Spanjoli u Taljani.

Kif wieħed jistenna, il-wasla ta' dawn il-furzati f'Malta, fil-kotra tagħhom kriminali, kienet iġġib magħha għassa stretta fuqhom u sikkatura kbira. Sintendi, peress li ħafna minnhom kien ikollhom kundanna għal għomorhom, kif jaslu fil-Port, l-ewwel ħsieb li jiġihom f'moħħhom kien li jistudjaw sewwa x-xtut tal-port u jaraw x'possibbiltà kienet teżisti li mal-ewwel ċans li jiġihom jaħarbu.

Peress li xi wħud mill-furzati ma kienx ikollhom esperjenza ta' qdif, dawn kienu jieħdu madwar sentejn biex jitgħallmu jissinkronizzaw ma' sħabhom u jimxu mar-regoli riġidi li kien jitlob minnhom dan l-argużin. Jingħad li l-qorti Franċiża ma kinitx tibgħat furzati għall-qdif jekk is-sentenza tagħhom ma tkunx aktar minn sitt snin, iżda fil-qorti tal-Ordni, forsi wkoll kif isostnu xi wħud, minħabba n-nuqqas ta' qaddiefa, ġieli kien hemm każi fejn persuna li ngħatat sentenza ta' ftit xhur xorta waħda ntbagħtet taqdef fuq il-galera.

U peress li fir-raba' taqsima ta' din il-kitba tkellimt dwar il-bejgħ ta' lsiera, tajjeb li nerġa' nagħmel referenza dwar il-prezz li kienu jġibu fis-suq. L-Istoriku Ġużeppi Muscat jgħidilna li fis-suq Malti kont issib varjazzjoni ta' lsiera. Il-prezzijiet kienu jvarjaw minn ftit skudi għal xi xwejjaħ jew lsir immankat għal 300 skud għal xi żagħżugħ fl-aħjar tiegħu. Waqt li tifel ta' seba' snin kien jinbiegħ 77 skud, raġel anzjan kien iġib 35 skud. Il-prezz ta' lsir li jinzerta xi ras kbira jew ġej minn xi familja għanja kien ilaħħaq l-1,000 skud. Minn dawn is-swieq l-Ordni (1650) kienet tixtri l-ilsiera bi prezz fiss ta' 137 skud u 6 tari għal kull ilsir tajjeb għal fuq il-galeri…

*Ikompli l-ġimgħa d-dieħla*